V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż dwar l-iskadenza imminenti ta' ċerti miżuri anti-dumping

(2022/C 16/05)

1. Kif previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]), il-Kummissjoni tavża li, sakemm ma jitnediex rieżami f'konformità mal-proċedura li ġejja, il-miżuri anti-dumping imsemmijin hawn taħt se jiskadu fid-data msemmija fit-tabella ta' hawn taħt.

2. **Proċedura**

Il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jippreżentaw talba bil-miktub għal rieżami. Din it-talba trid tinkludi biżżejjed evidenza li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx twassal għat-tkomplija jew għar-rikorrenza tad-dumping u tad-dannu. Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tagħmel rieżami tal-miżuri kkonċernati, l-importaturi, l-esportaturi, ir-rappreżentanti tal-pajjiż tal-esportazzjoni u l-produtturi tal-Unjoni mbagħad jingħataw l-opportunità li jelaboraw jew jirrifjutaw il-kwistjonijiet imsemmija fit-talba għal rieżami, jew jikkummentaw dwarhom.

3. **Limitu ta' żmien**

Il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jippreżentaw talba bil-miktub għal rieżami abbażi ta' dak imsemmi hawn fuq, lil dan l-indirizz: European Commission, Directorate-General for Trade (Unit G-1), CHAR 4/39, 1049 Brussels, Il-Belġju ([2]), fi kwalunkwe żmien mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, iżda mhux aktar tard minn tliet xhur qabel id-data msemmija fit-tabella ta' hawn taħt.

4. Dan l-avviż huwa ppubblikat f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036.

Prodott	Pajjiż(i) tal-oriġini jew tal-esportazzjoni	Miżuri	Referenza	Data ta' skadenza ([1])
Karbonat tal-barju	Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Dazju anti-dumping	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1759 tas-27 ta' Settembru 2017 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-karbonat tal-barju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 250, 28.9.2017, p. 34)	29.9.2022

([1]) Il-miżura tiskadi f'nofsillejl (00:00) tal-jum imsemmi f'din il-kolonna.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

([2]) TRADE-Defence-Complaints@ec.europa.eu